Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 769/2013

**Silvana Gandolfo Mazza (appellanti)**

**Vs**

**Arriva Malta Limited u b'digriet tal-15 ta' April 2015 l-isem tas-socjeta konvenuta gie mibdul ghal Malta Public Transport Services (Operations) Limited (appellata)**

2 ta' Marzu, 2018.

1. Il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' danni li l-attrici (appellanti) ssostni li sofriet li waqt li kienet passiggiera riekba fuq xarabank bin-numru BUS 072 fl-1 ta' Frar, 2012 meta x-xufier kien qieghed isuq b'velocita qawwija u ha brejk u l-attrici qalet li wegghet.

2. It-Tribunal cahad it-talba tal-attrici u mmotiva d-decizjoni b'dan il-mod:

*"Illi fil-waqt li mill-assjem tal-provi jidher li matul il-vjagg in dizanima kien hemm incident mhux tas-soltu – tant li x-xufier kien kapaci jirrakontah xhur wara li sehh meta baghtu ghalih mill-ufficcju wara li kien sar rapport – it-Tribunal iqis li dak li qed tallega l-Attrici mhuwiex verosimili. Bir-rispett kollu, kieku kien minnu li l-incident ta lok ghal kaos kif qed jigi allegat, l-Attrici ma kienetx tistenna li tasal Ghawdex sabiex tirrikorri ghall-kura, kif lanqas ma kienet tistenna li tasal Ghawdex sabiex taghmel rapport mal-Pulizija. Hu ben risaput li fic-Cirkewwa hemm facilitajiet sija tas-Socjeta Konvenuta kif ukoll tal-Pulizija. Fuq kollox, anke li kieku ma kienx hemm dubju dwar ir-responsabilita, il-mod kif qed tigi sostanzjata t-talba ma jaghtix lok ghal kundanna kontra s-Socjeta Konvenuta. Hu ben risaput li in materja ta' risarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jedd ghal damnum emergens u lucrum cessans u kwindi jrid jippova t-telf li sofra b'dan ir-rigward.*

*Fil-kaz odjern, ma jidhirx li l-Attrici qed tallega xi dizabilita permanenti u qed titlob biss risarciment tal-ispejjez li kellha taghmel – damnum emergens – sabiex timpjega persuna fil-hanut taghha imbaghad ghal medicini, spejjez legali u stress. Ghad li tressqet ricevuta tal-paga li thallset l-impjegata, jidher bic-car li l-impjieg kien irregolari. Jekk xejn kellhom jingiebu s-soliti dokumenti li jinghataw minn min ihaddem lill-impjegati. Fejn imiss ma' spejjez ohra, hu car li kellhom jingiebu provi almenu permezz ta' ricevuti. L-uniku prova hija dik ta' €30 a fol 4 tal-process.*

*Imbaghad irid jinghad ukoll li mhuwiex accettabbli li wiehed sempliciment ifajjar cifra u jippretendi li tirraprezenta kumpens ghal stress. Fuq kollox, wiehed irid izomm f'mohhu li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija ghal money claims. Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal iqis li la r-responsabilita u wisq anqas l-allegati danni ma gew ippruvati u ghalhekk it-talba mhijiex misthoqqa fil-waqt li t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet jimmeritaw li jigu akkolti"*;

3. B'rikors prezentat fit-12 ta' Dicembru, 2016 l-attrici appellat mis-sentenzi tat-18 ta' Novembru, 2013 u dik tal-24 ta' Novembru, 2016.

4. Fl-4 ta' Jannar, 2017 il-kumpannija appellata pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat ukoll l-atti.

6. **Appell mis-sentenza tat-18 ta' Novembru, 2013**.

6.1 Sentenza li kienet tikkoncerna l-ewwel eccezzjoni u li biha s-socjeta konvenuta nvokat l-artikolu 767 tal-Kap. 12 (*privilegium fori*). Fiha t-Tribunal laqa' l-ewwel eccezzjoni.

6.2 L-appellanti tilmenta li kif iddecieda t-Tribunal, eccezzjoni ta' privilegium fori ma tistax tigi nvokata fi proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar; *"Is-socjeta konvenuta minflok ma tqajjem eccezzjoni dwar il-privilegium fori, kellha tintavola rikors fl-atti tal-kawza fejn titlob lit-Tribunal jisma' l-kawza gewwa Ghawdex. It-Tribunal ma kienx gust meta ta sentenza preliminari fuq dan il-punt. Din is-sentenza hija irregolari u ma serviet ghal xejn hlief sabiex izzid l-ispejjez tal-kawza (spejjez li jinkludu d-drittijiet tad-diversi partijiet involuti)"*.

6.3 Ladarba nghatat eccezzjoni dwar din il-materja, it-Tribunal kellu jaghti sentenza.

6.4 Ghal dak li jirrigwarda t-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma johloqx Tribunal ghal Malta u iehor ghal Ghawdex. Ghalhekk l-artikolu 767 tal-Kap. 12 ma japplikax ghalih (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-qorti tal-11 ta' Lulju, 2002 fl-ismijiet **John Portelli et vs Victor Cachia et**). F'dik is-sentenza l-qorti qalet:

*"Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati tal-Kodici ta'*

*Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u "sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha" (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995). Il-kliem "sa fejn ikun prattikabbli" (as far as practicable fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. It-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari l-fatt li l-incident sehh f'Ghawdex u li l-parti l-kbira tax-xhieda jghixu f'Ghawdex, u wasal ghal konkluzjoni li jkun iktar prattikabbli li l-kaz jinstema' f'Ghawdex. L-appellanti ma ressqu l-ebda raguni valida ghalfejn id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghandha tigi disturbata".*

6.5 Tant jezisti Tribunal wiehed li l-artikolu 10(4) tal-Kap. 380 jipprovdi:-

*"(4) Deċiżjoni ta' Tribunal li tkun għaddiet f'ġudikat tista' tkun eżegwibbli, **skont fejn tkun ir-residenza tal-persuna li kontra tagħha tintalab l-eżekuzzjoni**, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħallikieku d-deċiżjoni kienet sentenza ta' qorti jew oħra".*

6.6 F'dan il-kaz it-Tribunal deherlu li l-kawza ghandha tinstema' f'Malta.

6.7 L-ewwel eccezzjoni kienet taqra:

*"1. Illi preliminarjament, is-socjeta intimata qieghda tecepixxi l-privilegium fori, ai termini tal-artikolu 767 tal-Kap. 12, u dan stante li s-socjeta intimata hija kumpannija registrata b'indirizz f'Malta mal-Malta Financial Service Authority (MFSA) hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. A u l-operazzjoni principali hija mmexxija minn Malta. Ghal din ir-raguni, dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza necessarja sabiex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz peress illi l-kompetenza tispetta lit-Tribunali u Qrati f'Malta".*

6.8 It-Tribunal stess iddecieda li l-eccezzjoni kif moghtija ma kinitx korretta, pero fil-parti dispozittiva tas-sentenza ddecieda:

*"Ghaldaqstant, dan it-Tribunal, jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta kontenuta fir-risposta taghha, fis-sens illi filwaqt illi qed jieqaf minn li jiehu ulterjuri tal-kaz fis-sede odjerna, qieghed jibghat l-att ta' dan il-kaz lir-Registratur tieghu sabiex a spejjez tal-attrici, din il-kawza tigi assenjata u appuntata ghas-smiegh quddiem dan it-Tribunal*

*diversmanet pppresjedut gewwa l-gzira ta' Malta. Spejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-attrici"*.

6.9 Meqjus dak li nghad hawn fuq, l-appellanti ghandha ragun li l-ewwel eccezzjoni kellha tigi michud u mhux tintlaqa', u wara t-Tribunal seta' mbaghad jaghti provvediment fejn jaghti l-ordni kontemplata fl-artikolu 3(4) tal-Kap. 380.

6.10 Ghalhekk il-qorti ser tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn laqat l-ewwel eccezzjoni. Ghaldaqstant, l-ispejjez ghandha wkoll taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta li tat l-eccezzjoni.

7. **<u>It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kellux jilqa' t-tielet eccezzjoni li s-socjeta konvenuta u l-ebda wiehed mill-impjegati taghha ma kienu responsabbli ghall-incident</u>**.

7.1 Dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal ghal Talbiet Zghar li wasslu biex jikkonkludi li dak li rrakkontat l-appellanti ma kienx verosimili ghalkemm irrizulta li waqt il-vjagg kien sehh incident mhux tas-soltu.

7.2 Mill-provi rrizulta li:

i. fl-1 ta' Far, 2012 fis-6.25 ta' bil-lejl, inhareg certifikat mediku minn Dr Michael Refalo li dakinhar l-appellanti allegat li laqtet idha ma' hgiega ta' xarabank u kienet mugugha. Pero' ma kellix ksur. Fic-certifikat mediku jinghad ukoll li, *"Injuries not of grievious nature unless complications supervene"*.

ii. fl-1 ta' Frar, 2012 fis-7.30 ta' bil-lejl, l-appellanti ghamlet rapport fl-ghassa tal-pulizija fir-Rabat, Ghawdex li dakinhar stess waqt li kienet fuq xarabank mill-ajruport ghac-Cirkewwa, *"she suffered an injury in her right arm due to a sudden break by the bus driver. Injuries suffered by PFR are of slight nature unless complications arise as certified by Dr Michael J. Refalo reg. 2126 of Gozo General Hospital"*.

iii. Fit-3 ta' Frar, 2012 inhareg certifikat mediku minn Mr Raymond Aquilina fejn ikkonferma li l-appellanti qeghda ssofri, *"... from left torticollis since a traffic accident on 1.2.12. Symptoms have improved. She is still attending physiotherapy. It is expected that symptoms will settle with time"*.

7.3 Skont ma xehed ix-xufier Mohzen Bitajjeb in kontro-ezami (seduta tat-12 ta' Ottubru, 2016), meta kienu ghaddejjin mill-Kappara ha brejk ghaliex kien hemm vettura qeghda tirriversja. Pero' fl-affidavita qal, *"**I***

***do not remember anything unusual on this trip****, in fact I do not remember of any mishap and was informed of this injury by our head office only last week (August 2012)".* Filwaqt li fl-affidavit ma kien jiftakar xejn *'unusual on the trip'*, fil-kontro-ezami semma li kien ra vettura tirriversja fid-direzzjoni tax-xarabank u waqaf. Xufier ta' xarbank li jiftakar sitwazzjoni minn vjagg partikolari wara dawk is-snin kollha, jaghti lill-qorti x'tifhem li probabbilment gara iktar minn dak li rrakkonta. Li jkun hemm vettura tirriversja mhijiex cirkostanzi li probabbilment xufier ta' xarabank ser jibqa' jiftakar erba' snin wara. Dan apparti li meta xehed fl-affidavit qal li ma jiftakar xejn *'unusual on this trip'*. Ghalhekk hemm ukoll nuqqas ta' konsistenza.

7.4 Il-qorti ssibha wkoll difficli temmen li x-xufier kien qieghed isuq bi speed daqstant baxx ta' tletin (30) kilometru fis-siegha.

7.5 Il-fatt li dakinhar stess l-appellanti marret l-isptar u wkoll irrapportat l-incident fl-ghassa tal-pulizija, huma fihom infushom indizju li wegghet idejha waqt li kienet fuq ix-xarabank. Fil-kontro-ezami li sarilha (seduta tas-7 ta' Novembru, 2016) ma jirrizultax li tat verzjoni differenti dwar dak li gara fuq ix-xarbank minn dak li rrakkontat fl-affidavit.

7.6 Jidher li kien hemm recording tal-vjagg u allura ta' dak li gara fuq il-karozza tal-linja. Hekk fehmet il-qorti minn dak li qalet l-appellata fit-twegiba; *"Illi fir-rigward tal-footage ta' min wiehed japprezza t-trapass ta' zmien li ghadda miz-zmien tal-incident u mill-ammont kbir ta' 'recordings' li jsiru kuljum minn kull xarabank. Huwa biss f'kazijiet meta ssir rikjesta specifika illi dan il-footage jinzamm"*. Kif ser jinghad hawn taht, bhala *carrier* l-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta appellata. Ir-rapport tal-appellanti lis-socjeta appellata ma sarx xi snin wara l-akkadut. Ghalhekk kien fl-interess taghha li tikkonserva dik il-prova.

7.7 Il-qorti hi tal-fehma wkoll li ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal kellu jikkonkludi li l-verzjoni tal-attrici mhijiex verosimili. Hu veru li kif waslu c-Cirkewwa m'ghamlitx rapport mal-pulizija, izda hu veru li d-destinazzjoni taghha kienet Ghawdex u kienet mugugha. Qalet li tkellmet ma' ufficjali tal-kumpannija appellata li kien ic-Cirkewwa, li qalilha biex taghmel rapport dwar l-incident. Fil-fatt hu verosimili li kif marret Ghawdex baqghet sejra l-isptar, u jirrizulta li wara marret l-ghassa tal-pulizija fejn ghamlet ir-rapport.

7.8 Il-qorti ma tistax tonqos milli tosserva wkoll kif it-Tribunal ikkunsidra wkoll jekk kienx hemm danni x'jigu likwidati. Il-qorti tara dan stramb meta tqis li ghat-Tribunal dak li rrakontat l-appellanti ma kienx

verosimili. Il-messagg li jaghti t-Tribunal hu li ma kienx cert minnu nnifsu dwar l-aspett ta' responsabbilta.

7.9 Il-konkluzjoni tal-qorti hi li probabbilment l-attrici wegghet waqt li kienet fuq ix-xarbank li kienet qeghda taghmel il-vjagg mill-Gudja ghac-Cirkewwa.

7.10 Il-kumpannija ghandha obbligu kuntrattwali lejn il-passiggieri li ggorr fil-karozzi tal-linji. Skont l-artikolu 1630 tal-Kodici Civili, il-vetturali bl-art:

*"Huma obbligati ghat-telf tal-haga fdata lilhom, u ghall-hsarat li jigru fiha,* ***meta ma jippruvawx li l-haga*** *ntilfet jew* ***gratilha hsara b'accident jew b'forza magguri u minghajr htija taghhom****"*.

Regola li l-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn ma tapplikax fil-kaz ta' garr ta' passiggieri. Ghalhekk l-oneru tal-prova kien fuq l-appellata. Prova li fil-fehma tal-qorti ma saritx ghaliex il-verzjoni li tat l-attrici (ara l-ewwel paragrafu tal-affidavit tal-attrici) hi iktar kredibbli minn dik li ta Mohzen Bitajjeb. Ghaldaqstant, l-appellata ghandha dmir li taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet l-appellanti b'rizultat tal-incident.

8. **<u>It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kellux jilqa' r-raba' eccezzjoni</u>**.

8.1 Ir-raba' eccezzjoni taqra, *"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Attrici trid tipprova d-danni realment subiti minnha"*.

8.2 F'dan ir-rigward it-Tribunal qal li l-uniku prova ta' ricevuti li pprezentat l-appellanti kienet is-somma ta' €30, hlas lill-ispecjalista Mr Raymond Aquilina.

8.3 L-appellanti tippretendi s-somma ta' tlett elef erba' mija u ergha u disghajn ewro u sitt centezmi (€3,494.06). Hemm imbaghad id-dikjarazzjoni ta' Loredana Buoncuore li tat servizz lill-attrici fir-ristorant taghha f'Ghawdex u thallset is-somma ta' €1,400. Dikjarazzjoni li mhijiex guramentata. L-appellanti xehedet li Buoncuore hadmet fir-ristorant mill-1 ta' Frar, 2012 sat-13 ta' April, 2012. Il-qorti tosserva:

i. Il-griehi li sofriet l-appellanti kienu griehi minuri;
ii. Ma saritx prova kemm damet tattendi sessjonijiet ta' fizjoterapija;
iii. Mhemmx prova medika li ma kinitx f'kundizzjoni li tahdem sat-13 ta' April, 2012.

iv. Meqjus ic-certifikat medici rilaxxati minn Mr Raymond Aquilina tqis li hu verosimili li l-appellanti kienet mugugha u ghaldaqstant ma setatx tahdem ghal xi granet.

8.4 Fic-cirkostanzi l-qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni fl-ammont ta' hames mija u hamsin ewro (€550), meta tqis li probabbilment l-appellanti kienet ghal xi granet mhux f'kundizzjoni li tahdem kif kien fir-ristorant. Ghalkemm l-appellanti ssostni li t-Tribunal kellu *"... jillikwida ammont arbitrio boni viri ghas-spejjez kollha li gew inkorsi kif spjegat l-attrici hija ma zammitx l-ircevuti kollha pertinenti"*, il-qorti tistenna li jekk saru spejjez inghata ricevuta. L-attrici lanqas ma tat rendikont dwar x'kienu dawn l-allegati spejjez. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx li ghandha tillikwida arbitrio viri ghal xi spejjez li l-attrici tallega li ghamlet, minghajr ma ssostanzjat meta saru, fhix kien jikkonsistu u kemm hallset. Il-pretensjoni tal-appellanti li tigi likwidata somma ohra *"ghas-skomdu li hija baghtit"*, lanqas mhi flokha meta tqis ukoll li t-tobba ccertifikaw li sofriet *minor injuries*.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi:**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju u tvarja parzjalment s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-18 ta' Novembru, 2013 fis-sens li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta appellata, bl-ispejjez kontriha.**
2. **Thassar is-sentenza tal-24 ta' Novembru, 2016 u filwaqt li tichad it-tielet u raba' eccezzjonijiet, tiddikjara li s-socjeta appellata hi responsabbli ghad-danni li sofriet l-appellanti fl-1 ta' Frar, 2012 waqt li kienet passiggiera fuq ix-xarabank. Tikkundanna lill-istess kumpannija thallas lill-appellanti s-somma ta' hames mija u hamsin ewro (€550) bl-imghax mil-lum. Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 65% a karigu tas-socjeta appellata u 35% a karigu tal-appellanti, gialadarba l-ammont ta' danni li talbet hu ezagerat.**

Anthony Ellul.